**27 ta' Ġunju, 1959**

**Il-Pulizija**

## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Thomas Sapiano

### Simulazzjoni ta' Reat — Sokor — Denunzja — Art. 109(2) tal-Kodiċi Kriminali.

*Is-simulazzjoni ta' reat tista' tkun tant verbali jew diretta, kemm ukoll reali jew indiretta.*

*Element intenzjonali tad-delitt hu li min jiddenunzja r-reat ikun jaf li reat ma kienx sar; u d-dottrina tgħallem illi l-intenzjoni speċifika rikjesta hi li wieħed ikun irid jingan-na l-ġustizzja.*

*Biex l-imputat jiġi skużat minn dan ir-reat għax kien fis-sakra, jeħtieġ li l-Qorti tkun soddisfatta li fil-waqt tad-denunzja hu ma kienx jaf x'qed jagħmel, jew ma kienx jaf li kien qiegħed jagħmel ħaġa li kienet ħażina.*

*Jekk id-denunzjant jiddenunzja reat li kien jaf li ma sarx, iżda*

*ma jagħmel xejn biex joħloq it-traċċi ta' dak ir-reat, hu jkun ħati biss ta' simulazzjoni verbali jew diretta. Biex ikun ħati anki tal-forma tas-simulazzjoni reali jew indiretta, hemm bżonn li t-traċċi tar-reat jiġu minnu realment u materjalment kreati.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-24 ta' April 1959, tal-Attorney General, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi fuq l-akkuża talli l-Mosta, fit-12 ta' Jannar 1959, għall-ħabta tal-10,43 p.m., iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx; barra minn dan, b'qerq, ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali, sabiex jiżguraw li dak ir-reat sar, kontra Simeone Chetcuti, it-titolar tal-"Habana Bar";

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Mejju 1959, li biha sabet lill-imputat ħati fit-termini tal-akkuża, u kkundannatu xahrejn priġunerija;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-akkuża oriġinali (fol. 2) kienet dupliċi, ċjoè tant dik ta' simulazzjoni verbali jew diretta, kemm ukoll dik ta' simulazzjoni reali jew indiretta. In-nota tal-Attorney General fol. 40 irriferiet ġenerikament għall-art. 109(2). li jikkontjeni ż-żewġ ipotesijiet f'mod alternattiv. L-Ewwel Qorti, però, irripetiet "verbatim" l-akkuża dupliċi oriġinali, li ma kienetx alternattiva, iżda kumulattiva (kif juru l-kliem "barra minn dan"), u sabet lill-imputat ħati ("ipsissimis verbis") "fit-termini tal-akkuża"; u peress li ma għamlet ebda distinzjoni bejn ipotesi waħda u oħra, b'hekk

sabitu ħati tat-tnejn. Għalhekk, din il-Qorti għandha tid-diriġi l-indaġini tagħha għaż-żewġ ipotesijiet;

Ma hemmx dubju li fit-12 ta' Jannar 1959 (il-ġurnata li għaliha tirriferixxi l-imputazzjoni) l-imputat iddenunzja lill-Pulizija reat ta' logħob tal-azzard u ta' aġir frodolenti li fil-fatt, kif juru l-provi, ma kienx sar;

Kwantu għall-element intenzjonali tad-delitt, li bih jinsab akkużat l-appellant, il-liġi (art. 109(2) Kap. 12) trid li hu jkun jaf li r-reat denunzjat ma kienx sar. Id-dottrina tgħallem li l-intenzjoni speċifika rikjesta hi li wieħed ikun irid jinganna l-ġustizzja (Maino, comm. art. 211, p. 313);

Id-difiża argumentat quddiem din il-Qorti li fil-każ in ispeċje ma setgħax kien hemm dan l-element konsistenti f'din l-intenzjoni speċifika, għaliex l-imputat kien talment xurban li ma setgħax jifforma dik l-intenzjoni speċifika u li għalhekk l-aġir tiegħu ma hux inkriminabbli, skond ir-raba' subartikolu tal-art. 35 Kap. 12. Hu risaput li f'dak is-subartikolu ma hemmx id-distinzjoni li hemm fit-tieni subartikolu nċiż (a) tal-istess artikolu, bejn l-ubrijakezza volontarja minn naħa waħda u ubrijakezza bla kunsens tal-persuna fis-sakra, u prokurata, dolożament jew negliġentement minn ħadd ieħor, min naħa l-oħra;

Hu fatt, li jirriżulta mill-kumpless tal-provi, li l-appellant kien fis-sakra; iżda dan ma hux biżżejjed; u biex l-istat tiegħu ta' sokor ikun dirimenti, jeħtieġ li l-Qorti tkun soddisfatta li fil-waqt tad-denunzja, li l-appellant għamel fit-12 ta' Jannar 1959, hu ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel, jew ma kienx jaf li dak li kien qed jagħmel kien ħaġa ħażina;

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq dan il-pont, u aktarx li kien ikollha xi dubju, kieku, però, ma ntervenietx i-ċirkustanza l-oħra, illi ċjoè fil-11 ta' April 1959 l-imputat ikkonferma sostanzjalment bil-miktub dak li kien qal qabel fit-12 ta' Jannar 1959 verbalment;

Hu veru li d-dokument fol. 10, vergat mill-istess appellant, ma jistax ikun il-bażi tal-akkuża, għaliex din tirriferixxi għal ġurnata determinata (12 ta' Jannar 1959); imma dak id-dokument, fil-fehma ta' din il-Qorti, juri li, għalkemm l-imputat, meta għamel id-denunzja, kien xurban, hu kien jaf x'kien qed jagħmel; għaliex, kieku kien diversament, allura ma kienx ikun possibbli li hu jiftakar id-dettalji dwar dak li sar dak inhar, mentri fid-dokument fol. 10 huwa ta dawn id-dettalji; u barra minn hekk, kieku verament fit-12 ta' Jannar 1959 hu ma kienx jaf xejn x'qiegħed jagħmel, allura wieħed kien jistenna illi, meta sejħitlu l-Pulizija fl-okkażjoni tar-redazzjoni ta' dak id-dokument, hu kien jgħid li fit-12 ta' Jannar moħħu kien talment offuskat bix-xorb li hu ma kienx jaf x'qed jagħmel, u li għalhekk ma kien jiftakar xejn, u li ma kienx fi grad li jagħti ebda versjoni;

Hu veru li l-fatt li l-Pulizija reġgħet bagħtet għall-appellant wara xi tliet xhur mid-denunzja minnu magħmula, u pprokurat minn għandu dak id-dokument, jista' talvolta jħasseb li l-istess Pulizija kellha xi dubju dwar jekk l-imputat kienx fi stat ta' responsabbiltà kriminali fit-12 ta' Jannar 1959; imma fatt hu li b'dak id-dokument ġie konfermat li l-imputat ma kienx fi stat ta' sokor tali li ma kellux aktar imputabbilità kriminuza, u d-dubju li seta kien hemm qabel dwar l-istat tal-imputat fit-12 ta' Jannar 1959, b'dak id-dokument, ġie diradat;

Osservat ukoll id-difiża li ma hux sewwa li l-Pulizija, ġa ladarba kienet taf li l-fatt denunzjat ma kienx veru, u ġa ladarba għandha d-dmir li tipprevjeni r-reati, ipprokurat dak id-dokument inkriminanti minn għand l-imputat. Però lanqas dan ir-riljev ma hu aċċettabbli; għaliex, kif irriteniet din il-Qorti, presjeduta allura minn Sir Arturo Mercieca, fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha u kolleġjalment komposta, f'każ analogu fil-kawża "Rev vs. Briffa", 7 ta' Novembru 1930, proċedura simili hi ammissibbli. Fis-sentenza tagħha, dik il-Qorti osservat, "inter alia":— "Atteso che l'articolo 345 delle Leggi Criminali impone alla Polizia Esecutiva il dovere di scoprire e investigare i reati commessi, raccogliere le prove, e presentare gli autori e i com-

plici all'autoritò ġudizziaria. Nel disimpegno di tale obbligo, che la esperienza ha dimostrato essere ovunque altrettanto arduo quanto importante, deve essere riconosciuta alla forza pubblica una certa varietà e latitudine di mezzi e di metodi che trovano limitazione soltanto nelle disposizioni della legge e nello spirito che la informano";

Għalhekk ma jidherx li jista' jiġi dubitat li l-imputat ikkommetta simulazzjoni verbali ossija diretta;

Kwantu però għas-simulazzjoni reali ossija indiretta, din ma tirriżultax. Ma jirriżulta bl-ebda mod li l-imputat ħoloq xi traċċi ta' reat. Il-fatt li hu semma xi kaxxa tal-logħob, li fiha kellha xi ngann, ma hux biżżejjed; għaliex jeħtieġ, għall-finijiet tas-simulazzjoni reali li t-traċċi jiġu realment u materjalment kreati. Hekk, il-Puccioni, Cod. Pen. Toscano Illustrato, V. III, p. 308, ċitat mill-Crivellari, Cod. Pen. Vol. VI, art. 211, paġ. 417, u mill-Maino, loc. ċit., para. 1089, jgħid:— "Nella seconda sottospecie basta che taluno, volendo, ad esempio, far credere di aver sofferto un furto, rompa i serrami, lasci una scala sul muro o una falsa chiave in una serratura, o metta in disordine la sua abitazione e lasci dei segnali da rendere credibile il reato simulato in modo da impegnare l'autorità competente a procedere agli atti costituenti il materiale e lo speciale del malefizio simulato" (ara wkoll Cassaz. Penale, 22 Aprile 1896, Mastropietro, rip. Foro Italiano, 1896, 11, 334);

Hi għalhekk eskluża, f'dan il-każ, li fih ma kien hemm ebda traċċja realment u materjalment maħluqa, is-simulazzjoni reali jew indiretta;

Kwantu għall-piena nflitta;

Hu veru li l-Maġistrat, kif ingħad, sab l-imputat ħati taż-żewġ forom tar-reat ta' simulazzjoni, mentri fil-fatt l-imputat hu ħati ta' waħda biss; kif hu wkoll veru li l-istess Maġistrat fil-qies tal-piena verosimilment ikun indirizza l-ġudizzju tiegħu għaż-żewġ forom; iżda din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-piena għandha tiġi ridotta bin-nofs, għaliex il-forma li tagħha nstab ħati l-imputat hi suffiċjente-

ment serja, u barra minn hekk wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni anki l-fedina penali tal-appellant, li, għalkemm fil-maġġur parti tagħha tikkonsisti f'kontravvenzjonijiet, dawn però huma ripetuti u jipprevali fihom ir-reat ta' insulti; liema ripetizzjoni tista' turi ċerta nonkuranza għar-riputazzjoni ta' ħadd ieħor, bħal f'dan il-każ. Ir-riduzzjoni, għalhekk, għandha tkun f'miżura anqas;

*Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza* appellata fis-sens biss li tiddikjara l-imputat ħati mhux taż-żewġ forom ta' simulazzjoni, imma biss ta' dik verbali jew diretta, dejjem taħt l-art. 109(2) Kap. 12; u konsegwentement tirriduċi l-piena għal żmien erbgħejn ġurnata. U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell.